MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 449/2010

Raymond Bonnici
vs
Martin Cachia

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih espona:

1. Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' erba' mija u tletin elf Euro (€430,000) rapprezentanti din is-somma self.

2. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut.

3. Illi l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jaghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u ghalhekk jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kap 12.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ erba’ mija u tletin elf Euro (€430,000).

Bl-ispejjez, l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta’ Raymond Bonnici li fih semma li Martin Cachia ghandu jhallsu s-somma ta’ €430,000 rappresentanti din is-somma flus li kien issellef minghandu. Illi hu ma thallas xejn minn dan l-ammont u ghalhekk kellu jipprezenta din il-kawza.

Rat il-verbal tal-lum li minnu jirrizulta li Dr. David Camilleri ghar-rikorrenti informa lill-Qorti li hu kien gie infurmat mir-rikorrenti li l-ammont ghadu dovut.

Rat li l-intimat debitament notifikat ma deherx ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalih.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kap 12 qed tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ erba’ mija u tletin elf Euro (€430,000).

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------